MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2005

Numru. 31/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**PIJU GRECH**

Seduta ta' llum, 17 ta' Novembru 2005

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **PIJU GRECH** ta' 32 sena bin Emanuel u Carmela nee` Vella imwieled Victoria, Ghawdex fl-4 ta' Frar 1973 u joqghod 'Home Sweet Home', Triq l-Isqof

Buttigieg, Nadur, Ghawdex gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

Fit-tmintax (18) ta’ Frar 2004 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tal-erba’ (4) u sitt (6) taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tal-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern ta’ drogi perikoluzi kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikli 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-fiat tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata u spontaneja tal-imputat. **Fuq tali ammissjoni l-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu;**

Dwar il-piena l-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari u cioe’ l-ko-operazzjoni totali tal-imputat mal-Prosekuzzjoni u dana sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni kif jirrizulta mill-

ezami tal-istqarrija esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala dokument 'MC';

Rat ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat u cioe' dik registrata mill-imputat stess fl-ewwel opportunita' moghtija lilu u cioe' seduta stante llum, sbatax (17) ta' Novembru 2005;

Rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta illi l-imputat ghandu biss erba' (4) konvizzjonijiet registrati fuqha ta' portata zghira;

Semghet lill-partijiet jinformaw lill-Qorti li l-imputat diga' jinsab taht ordni ta' probation u cioe' taht il-kura tal-Probation Officer Ivan Sultana;

**F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma thossx illi l-piena idonea hija dik ta' prigunerija u ghaldaqstant minhabba r-ragunijiet premessi qieghda tiddeciedi wara li rat l-artiklu tal-Ligi u cioe' l-artiklu 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta billi tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu massimu permess mill-Ligi ta' tlett (3) snin u dana ai termini tal-artiklu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Il-Qorti ghalhekk tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi mibghuta lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jigi nominat kandidat ideali sabiex jissorvelja lill-imputat u l-Qorti taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha illi dan l-istess Direttur jinnomina lil Ivan Sultana sabiex ikompli bis-sorveljanza tal-istess imputat gja mibdija minnu;**

In oltre qieghda tinnomina lil Godwin Sammut sabiex jirtira minn dawn l-atti d-droga li giet esebita mis-Surgent u jaghmel id-distruzzjoni taghha;

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna l-imputat ihallas l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-esperti il-Qorti qieghda tikkundanna l-imputat ihallas l-ispejjez involuti fin-nomina ta' Godwin Sammut maghmul illum stess permezz ta' din il-Qorti liema spejjez ghandhom

jithallsu fi zmien xahar minn meta hekk jigi nterpellat mid-Direttur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------